KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħmistax (15)***

***Il-Ħamis, 22 ta' Mejju, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 15 li ser tinżamm fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**15.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġija

**15.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

15.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 12 li nżammet nhar il-Ħamis, 10 ta' April 2025

15.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 12 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15.2.3 **Mozzjoni Numru 15-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 12

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

Il-Minuti Numru 12 ġew approvati unanimament.

15.2.4 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 13 li nżammet nhar it-Tlieta, 29 ta' April 2025

15.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 13 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15.2.6 **Mozzjoni Numru 15-02** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 13

Proponent: Il-Kunsillier Steven Axisa
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

Il-Minuti Numru 13 ġew approvati unanimament.

15.2.7 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 14 li nżammet nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju 2025

15.2.8 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 14 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15.2.9 **Mozzjoni Numru 15-03** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 14

Proponent: Il-Kunsilliera Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Il-Minuti Numru 14 ġew approvati unanimament.

**15.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 15(09) – Mejju 2025*

15.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 15(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11810 sa 11857 kif ukoll cheque bin-numri 7262 u 7263 li jammontaw €47,904.41

15.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

15.3.3 **Mozzjoni 15-04**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 15(09)

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli

L-iskeda ta' pagamenti numru 15(09) ġiet approvata unanimament.

**15.4 Traffic Management**

*Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa iktar tard fil-laqgħa.*

*Minħabba li ma kienx hemm ħin biżżejjed biex tiġi diskussa, din il-materja se tkun qed titressaq fuq l-Agenda fil-laqgħa li jmiss.*

**15.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

15.5.1 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar is-sitwazzjoni tat-tindif tal-letrini pubbliċi fejn bħalissa qiegħed isir minn ħaddiema tas-CWCEF iżda qed ikun hemm diversi diffikultajiet fosthom meta jittieħed sick u leave. Apparti li l-Kunsill qed tiġih spiża fir-rigward ta' likwidi u affarijiet relatati mat-tindif. Is-Sindku propona li it-tindif jibda jsir mill-Cleansing Dept. Il-Kunsill qabel li jressaq talba sabiex tiġi diskussa din il-proposta mad-Direttorat tat-tindif.

15.5.2 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-ħlas tal-kiri tas-Sala tal-Kappillan għal użu tal-Kunsill. Bħalissa qed isiru l-korsijiet tal-'Aqra Miegħi' darbtejn fil-ġimgħa li ser jiżdiedu għal tliet darbiet. Il-Kappillan qed jipproponi l-ħlas ta' €15 għal kull sessjoni li jammontaw għal €45 fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel li minħabba li dawn huma servizzi li qed jingħataw lil komunita' għaxqija mingħajr ħlas u fid-dawl li l-Kunsill jagħti ħafna servizzi u għajnuna lill-Parroċċa bħal tindif taz-zuntier regolari, tindif taċ-ċimiterju, jipprovdi skip fiċ-Ċimiterju u t-tindif tal-ground wara l-kunċerti, iħoss li il-kontribut finanzjarju għandu jkun ta' Eur1000 fis-sena biex tintuża' meta jkun hemm bżonn jingħata servizz lill-komunita'. Dwar dan il-Kunsill qabel.

15.5.3 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar attivita' ta' Clean- up li se tkun organizzata mill-Eko-Skola fejn talbu lill-Kunsill sabiex jinġabar l-iskart. Din l-attivita' se ssir fid-9 ta' Ġunju fiż-żona taż-Żebbuġ. Il-Kunsill approva li ssir l-attivita' u jipprovdi l-ingwanti, l-ilma, l-garbage bags, kif ukoll tingħata memento bħala ringrazzjament lil Eco-Skola.

15.5.4 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar talba mingħand sid il-ħanut MCsims fil-Bypass fejn talbet biex meta jitwaħħlu l-*cameras* proposti mill-Kunsill, jsiru bollards fil-ġenb tal-ħanut sabiex il-vetturi ma jipparkjawx minflok jaqilgħu iċ-ċitazzjoni u jiżdied *unloading bay* oħra fi Triq it-Tumbarellu sabiex kemm jista' jkun ma jitnaqqasx il-bejgħ mill-*business* tagħha. Dwar dan l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

15.5.5 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar sitwazzjoni fi Triq is-Salib fejn resident kellu *double yellow line* faċċata tal-garaxx tiegħu biex ikun jista' joħroġ il-karozzi mill-garaxx. Dan il-*yellow line* tneħħa sabiex jsiru l-*parking bays*. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lir-resident sabiex japplika mat-TM.

15.5.6 Is-Sindku Karl Boxall qal li għada se jiġu ppreżentati l-€180 lill-Island Sanctuary li nġabru waqt it-Tberik tal-Annimali li saret f'Jum Ħal Għaxaq.

15.5.7 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li l-parteċipanti li attendew għal kors tal-krafts li sar fil-Kunsill Lokali tawna donazzjoni ta' €170 li din se tkun qed tintuża' biex tiġi rranġata s-siġra tal-Milied tal-Pjazza.

**15.6 <u>Korrispondenza</u>**

15.6.1 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex isir boundary wall fi Triq il-Gudja. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm il-bankina ma toħroqx 'il barra iktar mill-parkeġġ eżistenti.

15.6.2 Tressqet korrispondenza rigward Skema SPI/SCI/05/2025 : Finanzjament Karnival 2026. Il-Kunsill qabel li japplika għall-attivita' tal-Karnival tat-Tfal 2026 b'attivitajiet kif isir kull sena.

15.6.3 Tressqet korrispondenza dwar Skema SPI/SCI/04/2025: Finanzjament Karnival 2025 fejn il-Kunsill ppropona li jorganizza attivita' fiż-żminijiet tal-Milied immirata għar-residenti fejn dakinhar tal-attivita' tiġi inawgurata s-siġra tal-Milied fil-Pjazza, jingħataw xi ċertifikati lit-Tfal li jkunu pparteċipaw fil-kompetizzjoni tat-Tpenġija għall-Kartolina tal-Kunsill, isir festin għat-tfal kif ukoll ieħor għll-anzjani u sessjoni ta' 'Aqra Miegħi' bi stejjer addatati għat-Tfal b'Tema Natalizzja. Il-Kunsill propona ukoll li jinġieb *Father Christmas* idur fit-toroq sabiex joħloq atmosfera u jqassam xi Rigali. Dwar dan il-Kunsill qabel li japplika għal din l-iskema.

15.6.4 Tressqet korrispondenza mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp dwar ħlas għas-servizz ta' avukat waqt is-seduti tal-EPRT tal-Kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsill ma jħossx li dawn l-ispejjeż għandhom jibqgħu jinħarġu kollha mill-Kunsill hekk kif dan l-appell qed isir kollettivament mal-Għaqdiet tal-Festi. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kont għandu jinqasam bejn it-tliet partijiet involuti. Il-Kunsill qabel ukoll b'mod unanimu li l-ebda spejjeż ta' avukati m'huma se jitħallsu mill-Kunsill filkaż li din il-proċedura tgħaddi il-Qorti.

15.6.5 Tressqu żewġ kwotazzjonijiet mingħand H&S Officers dwar ix-xogħlijiet li se jsiru mill-Public Works fil-boundary wall ta' fejn it-Turretta. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Ryan Spiteri u qabel ukoll illi l-istess persuna tiġi mqabbda ukoll f'każ li jkun hemm bżonn H&S officer waqt ix-xogħlijiet tat-Turretta.

**15.7 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera</u>**

15.7.1 Il-Vici Sindku Brian Xuereb tkellem dwar is-siġra tal-Pjazza fejn qal li irċieva messaġġ mingħand avukata f'isem ir-resident li qed jilmenta li s-siġra qed tagħmillu l-ħsara u qed jitlob li tinqala'. Fil-messaġġ il-Vici Sindku ġie nfurmat li r-resident se jieħu passi legali. Il-Kunsill jibqa' jsostni li r-resident għandu jipprovdi rapport dettaljat mingħand Perit li jindika' bi provi liema ħsarat strutturali qegħdin isiru fil-propjeta' tar-resident. Għaldaqstant f'dan l-istadju, il-Kunsill jibqa' jaqbel li s-siġra m'għandix għalfejn tinqala' mill-Pjazza fid-dawl li hija l-unika siġra fil-Pjazza u li ilha hemm għal bosta snin twal.

15.7.2 Il-Kunsillier Stephen Attard xtaq iwassal messaġġ sabiex fl-attivitajiet ta' Jum Ħal Għaxaq ma tidħolx politika. Huwa qal li ma qabilx li l-Ministru Bonnett ikun wieħed mill-kelliema fil-programm ta' diskorsi. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-Ministru ingħata ċ-ċans li jitkellem minħabba li għen finanzjarjament biex seta' jsir il-Monument ta' Vjal il-Labour. Is-Sindku kompla billi qal li għal darb'oħra, il-kelliema jkunu biss il-Ministru u s-Segretarju Parlamentari tal-Gvern Lokali.

15.7.3 Il-Kunsillier Stephen Attard xtaq ukoll jiġbed l-attenzjoni tal-membri l-oħra sabiex ċertu diskors li jsir bejn il-Kunsill m'għandux għalfejn jiġi kwotat. Il-Vici Sindki Brian Xuereb qal li meta ntqal dan id-diskors il-laqgħa tal-Kunsill kienet sospiża sabiex issir diskussjoni interna. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi kompliet billi qalet li l-Kunsillier Steven Axisa qed jgħaddi xi kummenti man-nies li hi tħoss li mhux xierqa u kkonfermat li din ma ġratx darba, iżda diversi nies wasslulha l-messaġġ. Il-Kunsillier Steven Axisa ċaħad dan u stieden lill-Kunsilliera Naomi Mizzi sabiex tinfurmah dwar min qed jgħid dan id-diskors. Huwa qal li waqt il-Kunċert li sar fil-Pjazza f'Jum Ħal Għaxaq ma kellhomx għalfejn jissemmew ismijiet ta' Kunsilliera għax kulħadd taha sehmu fl-attivitajiet li ġew organizzati.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa l-Kunsillier Stephen Attard u l-Kunsillier Jesmond Manicolo talbu li jkunu skużati (19:26).*

Is-Sindku Karl Boxall ġibed l-attenzjoni sabiex issir diskussjoni ċivili mingħajr ma jkun hemm kummenti personali. Wara li d-diskussjonijiet tkomplew, is-Sindku Karl Boxall ħass il-ħtieġa li jissospendi l-laqgħa sakemm jiġi ċċarati dawn il-kwistjonijiet b'mod intern.

*Il-Laqgħa giet sospiża fis-19:30*

*Il-Laqgħa tkompliet fil-19:50*

Il-Kunsillier Steven Axisa u l-Kunsilliera Naomi Mizzi skużaw ruħhom jekk b'xi mod naqqsu mir-rispett lejn xulxin.

15.7.4 Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li tixtieq torganizza party għat-tfal fis-Sajf fi Ġnien 2000. Għaldaqstant infurmat li se tkun qed tara xi spejjeż jistgħu ikunu nvoluti u jekk jistgħux jinġiebu xi sponsors għal din l-attivita'.

15.7.5 Is-Sindku Karl Boxall qal li se jkun qed jaħdem ukoll sabiex jorganizza mawra sa Sqallija f'Settembru.

**15.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

15.8.1 Annessi mal-Minuti

**15.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

15.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Ħamis 19 ta' Ġunju 2025 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar<br>Segretarju Eżekuttiv | ikkonfermati<br>Karl Boxall<br>Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 15**

**Mozzjoni Ref:** 15-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 12

**Stephen Attard**
**Proponent**

**Jesmond Manicolo**
**Sekondant**

**Data:** 22 ta' Mejju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 15**

**Mozzjoni Ref:** 15-02

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 13

**Steven Axisa**
**Proponent**

**Stephen Attard**
**Sekondant**

**Data:** 22 ta’ Mejju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 15**

**Mozzjoni Ref:** 15-03

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 14

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

**Data:** 22 ta' Mejju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 15**

**Mozzjoni Ref:** 15-04

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 15

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 22 ta' Mejju 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**